# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Mandat Numru: 1077/2015 MH**

**Illum, 12 ta' Settembru, 2023.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1077/2015 fl-ismijiet:**

**Martin Grima (K.I. Nru 795257M) u martu Marthese Grima (K.I. Nru 359760M)**

**vs**

**Victor Micallef et**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ta' Anthony sive Tony Micallef (K.I. 97062M), Angela Gili, Mary Grace Micallef u Emanuela sive Lily Magro pro et noe tal-20 ta' Ġunju 2023** permezz ta' liema talbu r-revoka *in parte* tal-mandat imsemmi għar-raġunijiet indikati minnhom fl-istess rikors.

Rat **ir-risposta tal-konjuġi Grima tat-28 ta' Ġunju 2023** permezz ta' liema opponew għal tali talba għar-raġunijiet indikati minnhom fl-istess risposta.

Rat li r-rikors tħalla għad-digriet kamerali.

Rat l-atti tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Bħala retroxena għar-rikors in eżami, mill-atti jirriżulta li –

i. Permezz ta' **rikors ġuramentat Rik Nru 589/15 datat 16 ta' Ġunju 2015** fl-ismijiet premessi, l-atturi Martin Grima et talbu lil din il-Qorti sabiex -

*"1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma obbligati, ai termini tal-iskrittura datata 4 ta' Ġunju 2015 (anness Dok. 'MG1'), li jersqu għall-iffirmar ta' konvenju, ossia wegħda ta' bejgħ u xiri, relattiv għat-trasferiment da parti tagħhom a favur tar-rikorrenti tal-fond 'ValPaul House' fi Triq Ġdida fi Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar verso l-prezz bonarjament konvenut ta' ħames mija u tnax-il elf erba' mija tnejn u sittin euro (€512,462) taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati flistess skrittura datata 4 ta' Ġunju 2015;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu għall-iffirmar ta' konvenju, ossia wegħda ta' bejgħ u xiri, relattiv għat-trasferiment da parti tagħhom a favur tar-*

*rikorrenti tal-fond 'ValPaul House' fi Triq Ġdida fi Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar verso l-prezz bonarjament konvenut ta' ħames mija u tnax-il elf erba' mija tnejn u sittin euro (€512,462) taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-istess skrittura datata 4 ta' Ġunju 2015, billi tistabbilixxi data ħin u lok għal dan il-għan filwaqt li tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirrediġi u jirreġistra l-istess konvenju ai termini tal-liġi u eventwalment jippubblika l-att notarili opportun in eżekuzzjoni tal-istess konvenju, kif ukoll taħtar kuraturi deputati sabiex jidhru fuq il-preċitat konvenju għall-eventwali kontumaċi.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti li huma inġunti minn issa stess għas-subizzjoni tagħhom."*

ii. Permezz ta' **digriet datat 11 ta' Awwissu 2015** din il-Qorti kienet laqgħet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1077/15 fl-ismijiet premessi u ordnat li l-intimati jinżammu milli jbiegħu, jitrasferixxu taħt kwalsijasi titolu kemm onoruż kif ukoll gratuwitu, jew altrimenti jiddisponu minn, kemm *in toto* kif ukoll *in parte*, jew altrimenti jiggravaw permezz ta' ċnus, servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra, kemm reali, kif ukoll personali, jew altrimenti jidħlu fi kwalsijasi konvenju ma' terz dwar il-fond "Valpaul House" fi triq ġdida fi Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar;

iii. Permezz ta' **sentenza datata 6 ta' Novembru 2020** il-kawża ġiet deċiża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Angela Gili, Mary Grace Micallef, Anthony sive Tony Micallef u Emanuela sive Lily Magro, u

ddikjarat l-iskrittura tal-4 ta' Ġunju, 2015, nulla u mingħajr effett legali peress li ġiet iffirmata biss minn uħud mis-sidien tal-fond mertu tal-kawża. Kwindi ġew miċħuda t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom;

iv. Martin u Marthese konjuġi Grima intavolaw appell minn din is-sentenza fejn talbu lill-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2020 u minflok tilqa' t-talbiet attriċi, jew kemm-il darba kellha tqis li m'għandux jiġi ppreġudikat il-benefiċċju tad-doppio esame, tirrimetti l-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex it-talbiet attriċi u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti jiġu deċiżi skont il-liġi, bl-ispejjeż a karigu tal-appellati;

v. **Fil-15 ta' Frar 2021** il-konvenuti Anthony sive Tony Micallef et intavolaw rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' liema talbu lill-Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni Nru 1077/2015 għar-raġunijiet hemm imsemmija;

vi. Permezz ta' **digriet datat 5 ta' April 2022** din il-Qorti kif preseduta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konjuġi Grima u ddikjarat li r-rikors ta' Anthony sive

Tony Micallef et tal-15 ta' Frar 2021 huwa irritu u null stante li dan kellu jiġi intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux quddiemha;

vii. Fl-**14 ta' Ġunju 2022** Anthony sive Tony Micallef et intavolaw rikors quddiem il-Qorti tal-Appell fejn talbu r-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi għax fil-fehma tagħhom il-mandat ma kienx għadu meħtieġ aktar ai termini tal-artikolu 836 (i)(b) tal-Kap. 12 u għax ma kienx għadu raġonevoli li jinżamm fis-seħħ (Artikolu 836 (1)(f) tal-Kap. 12). Dan a bażi tal-fatt li bis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2020 il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-intimati, atturi fil-kawża Martin Grima et;

viii. B'**digriet datat 30 ta' Jannar 2023**, il-Qorti ċaħdet din it-talba bl-ispejjeż kontra Anthony sive Tony Micallef et wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet -

*"L-aċċertament tad-drittijiet soġġettivi tal-partjiet f'kawża jsiru vinkolanti meta sentenza tkun għaddiet in ġudikat, li mhux il-każ sakemm għad hemm il-possibbilità li din il-pożizzjoni tinbidel fl-appell.*

*Prima facie l-intimati għad għandhom pretensjoni x'jikkawtelaw u ttneħħija ta' dik il-kawtela f'dan l-istadju, jekk l-eżitu tal-appell ikun favorevoli għall-intimati jista' jsarraf fi preġudizzju mhux rimedjabbli jekk il-proprjetà jew xi parti minnha tiġi trasferita fil-frattemp.*

*F'dan il-każ għalhekk sakemm ikun hemm deċiżjoni finali jew tmiem tal-proċeduri mod ieħor ma jistax jingħad li l-mandat tilef is-saħħa tiegħu, jew li ma hemmx bżonnu jew mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ."*

ix. **B'sentenza datata 31 ta' Mejju 2023** il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tal-konjuġi Grima sa fejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż u filwaqt li ħassret is-sentenza appellata, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati. L-istess Qorti rrimettiet il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jiġu deċiżi t-talbiet attriċi u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti skont il-liġi;

x. Fl-**20 ta' Ġunju 2023** Anthony sive Tony Micallef et intavolaw ir-rikors in eżami fejn qegħdin jitolbu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni Nru 1077/2015 ai termini tal-**artikoli 836 (b) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ **Carmel sive Charles Borg vs Christian George Grech deċiż fis-7 ta' Mejju 2020** il-Qorti elenkat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-artikolu 836 tal-Kap. 12 -

*"Art 836 Kap. 12 - Proċedura Straordinarja.*

*Fi proċeduri bħal dawk odjerni istitwiti bis-saħħa tal-Artikolu 836 tal-Kap.12 il-Qorti ma titrattax il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet iżda hija marbuta li timxi strettament ma' dak li jipprovdi tassattivament l-imsemmi artikolu. Il-proċedura hekk stabbilita hija waħda ta' natura straordinarja intiża sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urġenza u fl-aqsar żmien possibbli. Huwa għalhekk li l-proċedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-proċedura solenni tal-kawżi fil-mertu tant li l-Qorti għandha l-fakolta' li titratta talbiet simili għar-revoka in parte jew in toto ta' mandat kawtelatorju mingħajr il-ħtieġa li tappunta seduta għal smiegħ viva voce. L-emfasi huwa l-urġenza u s-smiegħ spedit.*

*In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet* **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd1** *, fejn ġie stabbilit illi:*

*"... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* **Camilleri vs Gové et,** *deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

*Fuq l-istess binarju hija d-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Gaetano Abdilla et vs. Charles Bianco et****, fejn il-Qorti stabbiliet illi:*

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide* ***Vincent Mercieca vs. George Galea****, 29 ta' Novembru, 2011, u* ***Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited,*** *tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

Ir-rikorrenti jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom fuq l-**artikolu 836 (1) (b) u (f) tal-Att** li jipprovdi hekk -

*"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(.....)*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*(....)*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Speċifikatament **<u>fir-rigward tas-subparagrafu (b)</u>** tal-artikolu msemmi ingħad hekk fil-provvediment **John Cortis vs Mark Anthony Portelli tat-30 ta' Ottubru 2017**[1] **-**

*"Il-paragrafu (1)(b) Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok għat-tħassir ta` l-Mandat meta waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ma tkunx għadha fil-fatt teżisti.*

*Fil-provvediment li ngħata minn din il-qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Mejju 2011 fil-każ **Carmelo Abdilla vs Auto Sales Limited** (Rikors Nru. 115/2011) ingħad hekk :-*

*"Illi l-Artikolu 836(1)(b) jistipula li mandat kawtelatorju għandu jitħassar jekk "waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ ta` l-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti". Peress li ma jirriżulta li nbidel xejn minn dakinhar tal-preżentata tal-mandat sa llum, u fil-frattemp ġiet ippreżentata wkoll il-kawża*

[1] Rik 838/17

*fuq il-mertu, ma jirriżultax li din hija raġuni valida sabiex jitħassar il-mandat in diżamina."*

*Fil-provvediment li tat din il-qorti diversament presjeduta fl-20 ta` Mejju 2014 fil-każ* ***Av Antonio Depasquale noe vs World Match Limited*** *(Rikors Nru. 315/2014) ingħad hekk :-*

*"Ir-raġuni skont l-Art.836 (1) (b) hi: "li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti".*

*Ikkonsidrat li din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma` tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att. Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f`dawn l-atti, jidher li taħt din il-kawżali l-ilment tal-eżekutat mhuwa indirizzat lejn ebda wieħed minn dawn ir-ragunijiet.*

*"Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f`xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa` fis-seħħ" .*
Imbagħad **<u>fir-rigward tas-subparagrafu (f) tal-artikolu</u>** in eżami l-Qorti kompliet tgħid hekk fil-każ ċitat **Georgina Grima et vs Knightsbridge Development Limited** –

*"Illi fir-rigward tal-artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12 fuq riprodott issir referenza għall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **L- Avukat Adrian***

***Delia nomine vs. European Insurance Group Limited**, datat l-**4 ta' Frar, 2013**, li fir-rigward stabbiliet li:*

*"Fi kliem ieħor taħt dan is-subinċiż, (artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12), Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soġġett għar-revoka fejn:*

*"i. Ċirkostanzi ma jkunux raġonevoli;*
*"ii. L-Mandat ma jkunx aktar neċessarju; jew*
*"iii. M'huwiex aktar ġustifikabbli";*

*Illi fil-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **Rita Agius vs. Nutar Joseph Vassallo Agius** datat id-**19 ta' Settembru, 2013**, ġie spjegat fir-rigward is-segwenti:*

*"Allura, fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni ta' jekk hu raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk hux meħtieġ jew ġustifikabbli li tali mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimati eżekutanti;*

*"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifka l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurispridenzjali l-kompitu tal-Qorti huwa li tindaga jekk *prima facie* huwiex il-każ li l-mandat ta' Inibizzjoni numru 1077/2015 jiġi revokat parzjalment.

L-argument tar-rikorrenti huwa li in vista' ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2023, m'għadux jeżisti wieħed mir-rekwiżiti tal-liġi għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju fil-konfront ta' John Micallef, Francis Micallef u Susanna Micallef bħala werrieta ta' Joseph Micallef, għas-sehem appartenenti lilhom kif derivanti mill-wirt t'omm l-aħwa Micallef mill-fond in kwistjoni u dan stante li fil-fehma tagħhom issa huwa ċar illi lanqas fuq bażi ta' *prima facie* l-atturi li fuq talba tagħhom inħareġ il-mandat m'għad għandhom ebda jedd x'jikkawtelaw ai termini tal-artikolu 836 (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huma jirreferu għas-segwenti brani mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in sostenn tal-argument tagħhom –

*"Assodat li l-prokura esebita fl-atti hija redatta f'termini wiesgħa bil-limitazzjoni tkun dik riżultanti minn paragrafu 14, il-konvenuta Magro kellha l-mandat li tidher għal ħutha assenti minn Malta, u li tiddisponi bl-aktar mod assolut fir-rigward tas-sehem tagħhom mill-wirt tal-missier u allura nkluż is-sehem tagħhom fuq in-nofs indiviż tal-missier fuq il-fond in kwistjoni, iżda mhux*

*l-istess jista' jingħad fir-rigward tas-sehem ta' ħutha l-assenti mill-wirt tal-omm.....*

*(……)*

*L-Artikolu 1864, hawn qabel ikkwotat, bla dubju, jikkostitwixxi konferma tal-prinċipju ġenerali taħt l-obbligazzjonijiet li persuna għandha fl-eżekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, tuża d-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1132, Kapitolu 16), jiġifieri b'mod fidil mal-inkarigu lilha mogħti. Hekk ukoll, il-mandatarju ma jistax ikollu skop li jkun differenti minn dak lilu mogħti fil-mandat, jew li ma jikkonformax ruħu għall-volontà espressa mill-mandant tiegħu, jew li jmur lil hinn minn dak l-inkarigu mogħti lilu. Fil-każ in eżami, l-aktar li jista' jingħad fil-konfront tal-mandatarja huwa li aġixxiet lil hinn mil-limiti tal-prokura mogħtija lilha, in kwantu ma setgħetx tiffirma għas-sehem ta' ħutha assenti, derivat mill-wirt tal-omm.*

*(……)*

*Min-naħa l-oħra, jista' jingħad li l-mandant jibqa' obbligat għal dak li l-mandatarju jkun wettaq fil-limiti ta' dawk is-setgħat. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti, jfisser li l-iskrittura tal-4 ta' Ġunju, 2015, hija valida u vinkolanti fil-konfront tal-aħwa assenti minn Malta sal-limiti tal-prokura jew mandat mogħti minnhom, jiġifieri għal dak is-sehem tagħhom derivat mill-wirt tal-missier, iżda mhux għal dak is-sehem tagħhom li ġej mill-wirt tal-omm. Dan ifisser li ma kienx hemm nuqqas tal-firem tal-aħwa Joseph, John u Francis Micallef, peress li l-firma tal-mandatarja tagħhom Emanuela sive Lily Magro,* ***tibqa' tiswa għal dak is-sehem tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni li ġejja mill-wirt ta' missierhom." ( enfasi ta' din il-Qorti).***

Ir-rikorrenti jargumentaw ukoll li fiċ-ċirkustanzi lanqas ma jkun raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ il-mandat kawtelatorju odjern u dan ai termini tal-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12. Skont ir-rikorrenti, indipendentement minn dak deċiż mill-Qorti, Martin Grima diġa' wera kif qed juża meżżi kawtelatorji b'mod abbużiv biex ipoġġi pressjoni fuq il-membri tal-familja. Dana peress li fil-mori tal-kawża stess, u bis-saħħa tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni, huwa rnexxielu jikkonvinċi lill-uħud mill-komproprjetarji aħwa tar-rikorrenti sabiex ibiegħulu sehemhom.

Il-Qorti madankollu tqis li t-talba għar-revoka parzjali tal-mandat in kwistjoni mhijiex ġustifikata.

F'dan l-istadju, tenut kont tal-fatt li wara li s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2020 il-Qorti tal-Appell irrimandat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex tkompli bis-smiegħ tal-kawża fil-mertu, tali smiegħ se jkompli fil-konfront tal-partijiet kollha tal-kawża. Kwindi anke John Micallef, Francis Micallef u Susanna Micallef għadhom parti mill-kawża. Għalhekk ma hemm ebda ġustifikazzjoni għall-pretensjoni tar-rikorrenti li l-mandat in kwistjoni m'għandux jibqa' fis-seħħ fil-konfront ta' John Micallef, Francis Micallef u Susanna Micallef.

Jiġi rilevat ukoll li għalkemm il-Qorti tal-Appell qalet li l-prokura a favur Emanuela sive Lily Magro tkopri biss is-sehem relattiv mill-wirt tal-missier, fil-kawża hemm ukoll pretensjonijiet oħra dwar il-wirt tal-omm li għad irid jiġu deċiżi.

Inoltre, u dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-mandat kawtelatorju in kwistjoni qed jintuża mill-konjuġi Grima b'mod abbużiv, il-Qorti tqis li ma nġiebet ebda prova fuq bażi *prima facie* dwar dan. Tiġbed l-attenzjoni però għal fatt li jekk dan jirriżulta min hekk jabbuża jaf jkun passibbli għad-danni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad ir-rikors ta' Anthony sive Tony Micallef et tal-20 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet premessi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**